# IL-FJURETTI TA' S. FRANĠISK

*Il-qdusija u l-kobor tal-ħajja ta' San Franġisk t'Assisi hija magħrufa nistgħu ngħidu minn kulħadd, iżda fiha nsibu bċejjeċ li għas-sempliċità u għall-ħlewwa tagħhom nixtiequ li naqrawhom u nżommuhom taħt għajnejna kull mument. Inġibu hawn xi tnejn jew tlieta li aħna neħduhom kelma b'kelma minn fuq il-*Fjuretti. Il-Fjuretti ta' San Franġisk *huma traduzzjoni bit-Taljan, ħielsa u miżjuda, mill-oriġinal latin miktub xi ftit wara l-1322 u fiha nsibu mniżżla ħafna mill-ħajja ta' San Franġisk u ta' l-ewwel dixxipli tiegħu: għax bħalma tafu San Franġisk, bħal Kristu, imgħallem tiegħu, kien għażel u ġabar miegħu tnax-il-dixxiplu biex jaqsmu miegħu l-ħidma li kien daħal għaliha.*

*Naqraw fil-*Fjuretti *fuq l-ewwel predikazzjoni tiegħu u nisimgħu u naraw kif kliemu kien idewweb il-qlub mhux biss tal-bnedmin iżda mqar tal-annimali: għal dawn ta' l-aħħar, xejn inqas minn għal ta' l-ewwel, huwa kellu mħabba kbira u lejhom kien juri ħniena u mogħdrija—u lil dawn ukoll xejn ma kien jistmell li jqishom u jgħoddhom bħala "ħutu".*

[S.]

San Franġisk, il-qaddis umli t'Alla, ftit wara li ikkonverta, wara li ġabar flimkien ħafna minn sħabu u daħħalhom fl-Ordni, beda jitħasseb ħafna u jtalla' u jniżżel fuq dak li kellu jagħmel—jekk kellux joqgħod biss jitlob, jew kellux kultant joħroġ ixandar il-kelma t'Alla. U xtaq ħafna li jkun jaf ir-rjieda t'Alla fuq daqshekk.

Iżda billi l-umiltà qaddisa li kienet fih ma kinetx tħallih joqgħod fuq dak li kien jaqta' huwa, u l-anqas fuq it-talb li jagħmel huwa, ried ikun jaf ir-rjieda t'Alla bit-talb ta' ħadd-ieħor. Għalhekk sejjaħ lil Fra Massew u qallu: "Mur għand Soru Klara u għidilha għalija biex hija u xi wħud minn sħabha l-iżjed tar-ruħ jitolbu bil-qalb lil Alla ħalli jogħġbu jgħarrafni xinhu l-aħjar għalija, jiġifieri jekk kellix nagħti ruħi biex inxandar il-kelma t'Alla jew noqgħod għal kollox għat-talb; imbagħad mur għand Fra Silvestru u għidlu jagħmel l-istess ħaġa." Issa dan Fra Silvestru kien dak li ra salib tad-deheb ħiereġ minn ħalq San Franġisk twil sassema u wiesa' sa l-ibgħad naħiet tad-dinja.

U dan Fra Silvestru kien bniedem ta' ġabra u qdusija hekk kbira illi dak kollu li kien jitlob lil Alla, Alla kien jisimgħu u kien jagħtihulu, u billi sikwit kien jitkellem ma' Alla, San Franġisk kellu qima kbira lejh. Fra Massew mar u wassal dak kollu li qallu San Franġisk l-ewwel lil Soru Klara u mbagħad lil Fra Silvestru, u dan malli sama' x'bagħat igħidlu inxteħet għarkobbtejh jitlob minnufih, u malli kellu t-tweġiba mis-sema raġa' għal għand Fra Massew u qallu: "Hekk qal Alla: Mur għand Fra Franġisk u għidlu illi Alla ma kienx sejjaħlu hawnhekk għalih biss, iżda biex ikun jiswa għall-erwieħ, u illi bih bosta għad isalvaw."

Meta Fra Massew kellu din it-tweġiba raġa' mar għand Soru Klara biex jara xi tweġiba kienet qalgħet minn għand Alla. Soru Klara weġbitu li sew hija kemm sħabha kienu ħadu minn għand Alla l-istess tweġiba li kellu Fra Silvestru. U Fra Massew raġa' lura għand San Franġisk b'din it-tweġiba li laqgħu bl-ikbar imħabba fil-ħin li ħasillu riġlejh u newwillu x'jiekol. U, wara li kiel, San Franġisk ħa lil Fra Massew fil-bosk, u hemm qagħad għarkobbtejh quddiemu, neħħa l-barnuż u fil-ħin li sallab idejh fuq sidru saqsieh: "Xi jrid minni Sidna Ġesù Kristu?"

Wieġeb Fra Massew: "Sew lil Fra Silvestru kemm lil Soru Klara u lil sħabha, Kristu wieġeb u wera r-rjieda tiegħu: li inti għandek toħroġ ixxandar il-kelma t'Alla maddinja kollha għax huwa ma kienx għażlek għalik waħdek iżda wkoll għas-saħħa ta' l-oħrajn." Imbagħad San Franġisk meta sama' dan il-kliem u hekk sar jaf ir-rjieda ta' Ġesù Kristu qam u qal b'ħeġġa kbira: "Immorru fl-isem t'Alla." U ħa miegħu lil Fra Massew u lil Fra Anġ, żewġt erwieħ qaddisa u telqu b'ruħhom mixgħula u, bla ma jfittxu u la trieq u lanqas mogħdija, waslu f'post igħidulu Saburniano.

U San Franġisk beda jippriedka; u l-ewwel ġiegħel lill-ħuttaf li kien igħammar hemm biex jiskot sa kemm jispiċċa mill-priedka. U hemm ippriedka b'ħeġġa tant kbira li l-irġiel u n-nisa kollha ta' hemm riedu jmorru warajh u jħallu lil djarhom. Iżda San Franġisk ma ħallihomx u qalilhom: "Tgħaġġlux titilqu u jiena ngħidilkom x'għandkom tagħmlu biex issalvaw ruħkom." U hemm ġie f'rasu li jwaqqaf it-tielet Ordni biex fih kulħadd ikun jista' jsalva. U hekk, fil-ħin li ħalliehom imfarrġa u mhejjija jagħmlu

penitenza telaq minn hemm u wasal f'post bejn Cannara u Bevagna.

U, kif kien jivvjaġġa b'dik l-istess ħeġġa ta' ruħ, huwa rafa' għajnejh u, ma' tul it-trieq, lemaħ xi siġar li fuqhom kien hemm qtajja' kbar ta' għasafar; u huwa stagħġeb wisq bihom u qal lil sħabu: "Oqogħdu stennewni ftit fit-trieq ħalli mmur nippriedka lil ħuti l-għasafar." U daħal fil-għalqa u beda jippriedka lill-għasafar li kien hemm fl-art, u dlonk dawk li kienu fuq is-siġar niżlu jisimgħuh, u l-koll qagħdu ħiemda sakemm San Franġisk spiċċa mill-priedka; u meta spiċċa lanqas ma telqu qabel ma berikom. U, kif qalu wara Fra Massew u Fra Ġakbu minn Massa, meta San Franġisk mar f'nofshom u messhom bit-tarf tal-libsa huma lanqas biss ma ċċaqalqu.

Fi ftit kliem it-taħdita ta' San Franġisk kienet din: "Għasafar ħuti, wisq għandkom tafuhulu lil Alla l-Ħallieq tagħkom u dejjem u kullimkien għandkom tfaħħruh għaliex Hu takom li tistgħu tittajru fejn tridu: takom ukoll ilbies għal darbtejn u tlieta kif ukoll żamm in-nisel tagħkom fl-Arka ta' Noe, biex il-ġens tagħkom ma jintemmx minn fuq l-art. Barra minn dan għandkom tafuhulu, lil Alla, ta' l-ajru li Hu ħalla għalikom; iżjed, intom la tiżirgħu u lanqas taħsdu u Alla jitmagħkom u jagħtikom ix-xmajjar u l-egħjun biex tixorbu; takom l-iġbla u l-widien fejn tistkennu u s-siġar għolja fejn tibnu l-bejtiet tagħkom u billi la tistgħu u la tinsġu u lanqas tħitu Alla jlibbes lilkom u lil uliedkom. Għalhekk Alla jħobbkom ħafna la darba fetaħ idejh hekk magħkom u fuq hekk iftħu għajnejkom, ħuti għeżież, li ma taqgħux fid-dnub ta' l-ingratitudni iżda għandkom tħabirku biex tfaħħru 'l Alla."

Waqt li San Franġisk kien igħid dan il-kliem l-agħsafar kollha bdew jiftħu ħalqhom u jtawlu għonqhom u jifirxu ġwinħajhom u jbaxxu rashom bil-qima kollha lejn l-art u biċ-ċaqliq ta' ġisimhom u bil-għana tagħhom juru li l-kliem tal-missier qaddis kien qed jagħtihom l-iżjed gost; u San Franġisk ħa pjaċir u feraħ magħhom u stagħġeb ħafna b'dak il-għadd hekk kbir u b'dak it-twerżiq sabiħ tagħhom kollu, u b'dik l-imġiba tajba u d-dħulija tagħhom; u għal dawn il-ħwejjeġ kollha huwa fihom faħħar b'qalbu kollha lil Alla l-Ħallieq. Fl-aħħar meta spiċċat il-priedka, San Franġisk radd is-salib fuqhom u ħalliehom imorru. U dawk l-agħsafar il-koll f'daqqa ittajru fis-sema b'għana liema bħalu u mbagħad

inqasmu fil-għamla tas-salib li San Franġisk radd fuqhom u telqu biċċa lejn il-Lvant, oħra lejn il-Punent, it-tielet lejn Nofs-in-Nhar u r-raba' lejn it-Tramuntana.

U kull qatgħa minnhom telqet tgħanni għana tal-għaġeb u tat xhieda li kif San Franġisk, dak li jżomm quddiem is-Salib ta' Kristu, kien ippriedkalhom u radd is-salib fuqhom u li fuqu huma kienu tqassmu, igħannu, ma' l-erbat irjieħ tad-dinja, hekk ix-xandir tas-Salib ta' Kristu, imġedded minn San Franġisk, kellu jkun imwassal mad-dinja kollha minnu u mill-patrijiet tiegħu, minn dawk il-patrijiet li, sew bħall-għasafar li ma għandhom xejn mid-dinja, kienu rħew irwieħhom biss f'idejn il-ħniena t'Alla.

* * *

Meta San Franġisk kien qiegħed fil-belt ta' Gubbio, deher f'dawk l-inħawi lupu kbir, tal-biża' u mill-iżjed feroċi li mhux biss kien joqtol u jiekol il-bhejjem imma lin-nies ukoll; hekk li l-beltin kollha kellhom biża' kbir għal ħajjithom għaliex il-lupu ħafna drabi kien qed jersaq lejn il-Belt. U meta kienu joħorġu mill-belt in-nies kien ikollhom joħorġu armati qishom sejrin għat-taqbida u b'dana kollu min, waħdu, kien jiltaqa' miegħu ma kien qatt jirnexxilu jeħles minnu; u hekk, fl-aħħar, ġara li bil-biża' ta' dan il-lupu ħadd ma kien jissogra joħroġ mis-swar il barra.

Għalhekk San Franġisk ġietu ħniena min-nies ta' dik il-belt u għamel ħsieb li joħroġ għal dan il-lupu għalkemm il-beltin kollha ma riduh bl-ebda mod. Iżda huwa, fil-ħin li radd is-salib imqaddes u qiegħed it-tama tiegħu kollha f'Alla, ħareġ mill-belt flimkien ma' sħabu iżda billi dawna beżgħu jmorru iżjed il quddiem San Franġisk qabad it-triq waħdu għal fejn kien il-lupu. Iżda x'waħda din! il-lupu, malli lemaħ dawk in-nies kollha li kienu ġew biex jaraw dan il-miraklu, qabeż għal fuq San Franġisk b'ħalqu miftuħ; u San Franġisk resaq lejh, radd fuqu s-salib imqaddes, sejjaħlu lejh u qallu: "Ejja l' hawn, lupu ħija, fl-isem ta' Kristu namar lilek li ma tagħmel deni la lili u lanqas lil ħadd."

Ħaġa tal-għaġeb! Malli San Franġisk radd is-salib, il-lupu waħxi għalaq ħalqu u żamm il-ġirja, u malli tah il-amar huwa resaq bħala ħaruf, u nxteħet f'riġlejn San Franġisk. Imbagħad San Franġisk kellmu hekk: "Lupu ħija, inti qiegħed tagħmel

ħafna deni f'dawn l-inħawi u għamilt ħsarat kbar, ittemm u toqtol il-ħlejjaq t'Alla mingħajr permess tiegħu u mhux biss qtilt u blajt lill-bhejjem, iżda kellek il-ħila li toqtol in-nies li huma xbieha t'Alla għalhekk ħaqqek il-forka bħala ħalliel u qattiel mill-agħar; kulħadd qiegħed igħid u jgerger għalik u din l-art kollha saret għadu tiegħek. Iżda jiena, lupu ħija, irrid nagħmilkom paċi hekk li inti ma tagħmlilhomx iżjed ħsara u huma jaħfrulek kull ma għamiltilhom u la l-bnedmin u lanqas il-klieb ma jiġru iżjed warajk.

Issa, meta San Franġisk qal dawn il-kelmiet, il-lupu biċċaqliq ta' ġismu u ta' denbu u ta' għajnejh u bit-tbaxxija ta' rasu, wera li jrid jilqa' dak kollu li kien qed igħidlu San Franġisk u li kien irid joqgħod għalih. Imbagħad qallu San Franġisk: "Lupu ħija, ġa la darba jogħġbok, u trid, iżżomm din il-paċi, jiena nwiegħdek li niddubbalek l-għajxien sa kemm tibqa' ħaj min-nies ta' din l-art biex ma tbatix iżjed il-ġuħ, għaliex jiena naf tajjeb li int għamilt dan id-deni kollu għax kont tkun imġewwaħ. Iżda wara li qlajtlek din il-grazzja rridek, lupu ħija, li twegħidni li ma tagħmel ħsara lil ebda bniedem jew bhima. Twegħidni dan?" U l-lupu baxxa rasu u wera li ried iwiegħed dana kollu. U San Franġisk qallu: "Lupu ħija, jiena rridek li ttini l-kelma b'rahan li żżomm din il-wegħda, biex inkun nista' noqgħod fuqek. U meta San Franġisk newwel idejh għal dan ir-rahan, il-lupu rafa' idu l-lemenija u bi ħlewwa kbira qegħidhielu f'idu biex hekk itih dan ir-rahan mill-aħjar li jista'. Imbagħad San Franġisk qallu: "Lupu ħija, irridek fl-isem ta' Ġesù Kristu li tiġi miegħi bla biża' ta' xejn ħalli mmorru nwettqu din il-paċi fl-isem t'Alla" u l-lupu, kollu ġwejjed, telaq ma' ġenbu qisu ħaruf, u meta n-nies tal-belt raw dan baqgħu mistagħġbin. U din l-aħbar xterdet minnufih mal-belt kollha hekk li n-nies kollha, kbar u żgħar, irġiel u nisa, xjuħ u żgħażagħ, telqu għal ġol-misraħ biex jaraw il-lupu ma' San Franġisk. Meta n-nies kollha kienu hemm, San Franġisk qam u beda jippriedkalhom u fost ħwejjeġ oħra qalilhom kif Alla, imħabba fid-dnubiet tagħhom kien iħalli li jiġrilhom dak id-deni u l-mard kollu; u kemm iktar kien tal-biża' n-nar ta' l-infern li jbatu fih għal dejjem l-indannati milli kienet ir-rabja tal-lupu li ma kinetx tista' toqtol ħlief lill-ġisem. Kemm, mela, kien ta' min jibża' minnu l-ħalq ta' l-infern milli dawn in-nies għandhom jibżgħu mill-ħalq ta' dan l-annimal ċkejken? "Erġgħu, mela, maħbubin tiegħi, lejn Alla, u agħmlu peniten-

za xierqa għal dnubietkom, u hekk Alla jeħliskom f'din id-dinja mil-lupu u fid-dinja l-oħra min-nar ta' l-infern. U meta spiċċa l-priedka qalilhom: "Isimgħu: ħuti, il-lupu, ħija, li hawn quddiemkom wegħidni u għamilli tajjeb li jagħmel paċi magħkom u li b'ebda mod ma jagħmlilkom deni jekk intom twegħduh li kull jum tagħtuh dak li jkun jinħtieġ għall-ħajja, u hawn jiena nidħol bħala rahan tiegħu li huwa jżomm dak il-patt ta' paċi."

Imbagħad il-poplu kollu b'leħen wieħed wiegħed li jibqa' jitimgħu u San Franġisk quddiem kulħadd qal lil-lupu: "U int, lupu ħija, twiegħed li żżomm il-patt tal-paċi u li ma tagħmilx deni la lin-nies u la lill-bhejjem u lanqas lil ebda maħluq?" U l-lupu qagħad għarkobbtejh u baxxa rasu, u biċ-ċaqliq ġwejjed ta' ġismu u ta' denbu u ta' għajnejh wera li ried b'kull mod iżomm kull patt li għamlu miegħu. Qallu San Franġisk: "Lupu ħija, issa bħalma tajtni l-kelma b'rahan, barra l-bieb tal-belt, li żżomm din il-wegħda, irriddek, hawn quddiem dawn in-nies kollha, targa' tagħtini l-kelma b'rahan li żżomm il-wegħda u li ma tqarraqx bija għall-kelma u r-rahan li tajt għalik. Imbagħad il-lupu rafa' idu l-lemenija 'l fuq u qegħedha f'idejn San Franġisk u hekk għal dan l-għamil u għal dawk l-oħrajn kollha li għidna fuq, sar ferħ u għaġeb kbir qalb in-nies sew imħabba t-tjubija tal-qaddis kemm għall-miraklu hekk kbir u kemm ukoll għall-paċi li saret mal-lupu — illi kulħadd beda jarfa' leħnu lejn is-sema jfaħħar u jbierek lil Alla li bagħtilhom lil San Franġisk li bil-meriti tiegħu kienu ħelsu mil-lupu kiefer.

Imbagħad dan il-lupu għâx sentejn f'Gubbio u kien jidħol kwiet kwiet fid-djar u jgħaddi minn bieb għal bieb bla ma jagħmel deni lil ħadd u ħadd ma jagħmel deni lilu, u kien mitmugħ bil-qalb kollha min-nies; u meta kien igħaddi mit-toroq u jidħol ġod-djar qatt ebda kelb ma nebaħ għalih. Fl-aħħarnett, wara sentejn, il-lupu miet bix-xjuħija. In-nies tal-belt għelew għalih ħafna għaliex meta kienu jarawh għaddej hekk ġwejjed mat-triqat tal-belt, kienu jiftakru iżjed fit-tjubija u fil-qdusija ta' San Franġisk.

* * *

Darba waħda wieħed żagħżugħ qabad ħafna gamiem u huwa u sejjer bihom lejn is-suq iltaqa' ma' San Franġisk li, billi minn dejjem kien iħoss ħniena kbira lejn il-ħlejjaq ġwej-

din, ta ħarsa tal-ħniena lejn dawk il-gamiem u qal liż-żagħżugħ: "Żagħżugħ twajjeb, nitolbok agħtihomli li ma jiġrix li għasafar hekk ġwejdin, li fl-iskrittura huma mxebbhin lill-erwieħ kasti, umli u fidili, jaqgħu f'idejn nies ta' qalb ħażina u joqtluhom." Dikment iż-żagħżugħ, milhum minn Alla, tahomlu kollha u San Franġisk daħħalhom f'ħobbu u beda jkellimhom bil-ħlewwa: "Ħuti ċkejknin, gamiem sempliċi, innoċenti u kasti, għaliex ħallejtu min jaqbadkom? Issa jiena sa neħliskom mill-mewt, u nagħmlilkom il-bejtiet biex intom tkunu tistgħu tgħallu u tiżdiedu skond ma jamar il-Ħallieq tagħna." U San Franġisk mar u lill-koll għamlilhom il-bejta; u huma telqu għall-bejtiet tagħhom; u bdew ibidu u jrabbu ż-żgħar tagħhom quddiem għajnejn il-patrijiet u hekk għaxu ġwejda u draw ma' San Franġisk u l-patrijiet l-oħra bħallikieku kienu flieles mindejjem mitmugħa minn idejhom; u ma telqux qabel ma San Franġisk berikhom u ħalliehom imorru. U liż-żagħżugħ li kien tahomlu San Franġisk qallu: "Ibni, int għad tkun patri ta' dan l-Ordni u taqdi bit-tjubija kollha lil Ġerù Kristu. U hekk kien għaliex dan iż-żagħżugħ sar patri u għax fl-Ordni fi qdusija kbira.